MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-14 ta' Ġunju, 2023

Appell Inferjuri Numru 70/2022 LM

**Manuela Mitovska (K.I. nru. 190918A)**
*('l-appellata')*

***vs.***

**Bernard Zammit (K.I. nru. 60950G)**
*('l-appellant')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimat **Bernard Zammit (K.I. nru. 60950G)**, [minn issa 'l quddiem 'l-appellant'], mid-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal Industrijali [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'], tat-2 ta' Ġunju, 2022 [hawnhekk 'id-deċiżjoni appellata'], li permezz tagħha t-Tribunal laqa' t-talbiet tar-rikorrenti **Manuela Mitovska (K.I. nru. 190918A)**, u akkordalha kumpens

għal tkeċċija inġusta mix-xogħol li kellha mal-intimat, fl-ammont ta' erbat elef Euro (€4,000).

**Fatti**

2. Permezz tar-rikors ippreżentat mir-rikorrenti quddiem it-Tribunal, hija spjegat li kienet impjegata mal-intimat bħala *waitress* fl-istabbiliment 'Horizon Restaurant', u l-imjpieg tagħha ġie tterminat, allegatament għal raġunijiet dixxiplinarji, fil-11 ta' Diċembru, 2019. Ir-rikorrenti qalet li l-impjieg tagħha ma ġiex itterminat għal kawża ġusta u suffiċjenti skont il-liġi, u għalhekk talbet lit-Tribunal jiddikjara u jiddeċiedi li l-impjieg tagħha ġie tterminat illegalment, u talbitu jillikwida kumpens xieraq u ġust minħabba fit-terminazzjoni tal-impjieg tagħha.

**Mertu**

3. Fir-risposta tiegħu l-intimat qal li l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u l-impjieg tagħha ma kienx itterminat illegalment stante li kienet ir-rikorrenti li aċċettat li ttemm l-impjieg tagħha bħala *waitress,* u kienet ir-rikorrenti li aċċettat li titlaq mix-xogħol f'Diċembru tal-2019. L-intimat qal li r-rikorrenti aċċettat il-paga rimanenti dovuta lilha, kif ukoll iffirmat dikjarazzjoni li tgħid li hija m'għandha x'taqsam xejn aktar mal-imsemmi ristorant u/jew mal-intimat. Qal ukoll li r-rikorrenti intavolat mandat ta' inibizzjoni kontra l-intimat, liema mandat ġie miċħud mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex). L-intimat ippreżenta kopja tal-imsemmija dikjarazzjoni ffirmata mir-rikorrenti, kif ukoll kopja tal-mandat li ġie deċiż fis-16 ta' Jannar, 2020.

4. Fid-dikjarazzjoni tagħha, ir-rikorrenti qalet li hija kienet impjegata mal-intimat fuq bażi *full-time* permezz ta' kuntratt ta' impjieg indefinit, bħala *waitress* fl-istabbiliment 'Horizon Restaurant', Marsalforn, Għawdex, u kienet ilha taħdem hemm mill-1 ta' Lulju, 2018. Qalet li l-impjieg tagħha ġie tterminat fil-11 ta' Diċembru, 2019 meta hija kienet waslet fl-aħħar ġranet tat-tqala tagħha. Qalet li hija kienet infurmat lill-intimat u/jew lil terzi li jaħdmu fl-istess stabbiliment bil-qagħda tagħha, u għalhekk l-intimat kien infurmat bil-qagħda tagħha. Qalet li f'Diċembru tal-2019, terzi inkarigati mill-intimat kienu infurmaw lilha u lir-raġel tagħha li l-impjieg tagħha kien ser jiġi tterminat, u dan mingħajr ebda raġuni ġusta. Qalet li hija dejjem wettqet ix-xogħol tagħha kif suppost, u tul l-impjieg tagħha hija qatt ma ngħatat xi forma ta' twissija dwar nuqqasijiet fil-prestazzjoni lavorattiva tagħha. Qalet ukoll li l-impjieg tagħha ġie tterminat mingħajr ma hija ngħatat l-opportunità li tiddefendi ruħha, u l-intimat għamel dikjarazzjoni ma' JobsPlus li ma kinitx korretta, għaliex iddikjara li r-rikorrenti ġiet imkeċċija mill-impjieg għal raġunijiet dixxiplinarji.

5. Quddiem it-Tribunal, ir-rikorrenti xehdet li kien it-tifel tal-intimat Jason, li l-aktar li kien jikkomunika magħha fuq xogħol. Ir-rikorrenti kkonfermat li fix-xhur ta' Jannar u Frar ir-ristorant kien jinżamm magħluq, u l-ħaddiema xorta kienu jitħallsu għal dan il-perijodu. Ir-rikorrenti qalet li hija ma kinitx tirċievi paga fissa kull xahar, u kienet titħallas skont l-ammont ta' sigħat li kienet taħdem. Qalet ukoll li fiż-żmien meta saret taf li hija tqila, kien wasal biex jagħlqilha l-permess tar-residenza, u l-intimat kien irrifjuta li jiffirmalha d-dokumenti meħtieġa minħabba fil-qagħda tagħha, għalkemm ikkonfermat li eventwalment dan iffirmalha wara li mar ikellmu r-raġel tagħha. Ir-rikorrenti

qalet li hija saret taf li l-impjieg tagħha kien ser jiġi tterminat, meta darba minnhom irrappurtat għax-xogħol f'ġurnata ta' maltemp, u waħda mill-kollegi tagħha qaltilha li dakinhar ir-ristorant ma kienx ser jiftaħ minħabba l-kundizzjoni tat-temp. Qalet li l-għada hija daħlet ix-xogħol, u l-mara tal-intimat staqsietha min kien talabha tidħol xogħol. Spjegat li hija kienet impjegata *full-time,* u għalhekk ma kienx hemm il-ħtieġa li xi ħadd jitlobha tidħol xogħol fi ġranet partikolari, iżda l-mara tal-intimat kienet qaltilha li kienu ser jinfurmawha meta kellha tidħol xogħol. Qalet li fil-11 ta' Diċembru, 2019 irċeviet telefonata mingħand it-tifel tal-intimat, li infurmaha li l-impjieg tagħha kien ser jiġi tterminat.

6. L-intimat **Bernard Zammit**, fl-*affidavit* tiegħu spjega li huwa s-sid tar-ristorant 'Horizon', fil-Qbajjar, Marsalforn, u l-amministrazzjoni ta' dan l-istabbiliment hija fdata f'idejn ibnu, Jason. Qal li r-rikorrenti bdiet taħdem magħhom għall-ħabta ta' Marzu tal-2018. Qal li minkejja li huwa ma kienx ikun fir-restorant il-ħin kollu, kien ikun jaf x'inhu għaddej, u kien innota li r-rikorrenti ma tmurx tajjeb man-nies, u kellu xi ilmenti dwarha mingħand klijenti regolari tal-post. Qal ukoll li mhux l-ewwel darba li nnota li r-rikorrenti kienet tagħmel iżbalji f'xogħolha, u kien hemm drabi meta ġibdilha l-attenzjoni dwar dan. Qal li kien hemm ħaddiema li bdew jirrifjutaw li jaħdmu mar-rikorrenti, u kien hemm min saħansitra telaq mill-impjieg allegatament minħabba fl-attitudni tar-rikorrenti. Qal ukoll li kien hemm żmien meta t-tifel tiegħu kien issospenda lir-rikorrenti mill-impjieg, u d-deċiżjoni li din titkeċċa ma tteħditx b'mod kapriċċuż.

7. **Jason Zammit**, fl-*affidavit* tiegħu qal li huwa jopera r-ristorant ta' missieru, u lir-rikorrenti sar jafha minn fuq ix-xogħol. Qal li hija bdiet taħdem

magħhom fl-istaġun tal-2018. Spjega li f'dan is-settur, ix-xhur tax-xitwa ma jkunux tajbin daqs ix-xhur tas-sajf, u minkejja li huwa ma kienx ikollu bżonn l-istess ammont ta' ħaddiema tul is-sena kollha, lir-rikorrenti kien taha kuntratt fuq bażi *full-time,* u hija kienet tidħol ix-xogħol skont *roster.* Qal ukoll li minkejja li r-rikorrenti ma kellhiex esperjenza f'dan ix-xogħol, hija wriet li riedet titgħallem, u fl-ewwel staġun kienet taħdem mingħajr wisq problemi. Qal iżda li meta kien ikollu raġuni għalfejn jikkoreġi lir-rikorrenti, hija kienet turi li ma tieħux gost li xi ħadd iwiddibha. Qal li waħda mill-problemi tar-rikorrenti kienet li hija kienet żorra man-nies, u anki mill-ammont ta' *tips* li kienu jħallu l-klijenti, kien jinduna li l-imwejjed servuti minnha ma kinux imorru tajjeb daqs l-imwejjed l-oħra. Qal li sa Frar 2019, is-sitwazzjoni aggravat ħafna, u minkejja diversi twissijiet, l-attitudni tar-rikorrenti fuq ix-xogħol baqgħet l-istess. Qal ukoll li f'dan iż-żmien bdew isiru ċerti kummenti dwarha minn klijenti regolari, u kien hemm drabi meta hija kienet targumenta mal-klijenti anki jekk l-iżball ikun tagħha. Qal ukoll li minkejja li huwa kien iwiddeb lir-rikorrenti, hija kienet dejjem tinjorah. Qal li kien hemm drabi meta *waiters* oħra bdew jirrifjutaw li jaħdmu mar-rikorrenti, u huwa ġie f'pożizzjoni fejn ma kellux biżżejjed ħaddiema biex jaħdem. Ix-xhud semma episodju fejn ħaddiem telaq mix-xogħol wara ġurnata biss, u kien għalhekk li huwa ssospenda lir-rikorrenti sabiex jivverifika x'kien qiegħed jiġri, sakemm eventwalment iddeċieda li jittermina l-impjieg tagħha. Ix-xhud qal li hu u l-familja tiegħu dejjem ittrattaw lir-rikorrenti b'mod tajjeb, tawha paga anki meta r-ristorant kien magħluq, u kienu anki jwassluha d-dar. Qal ukoll li huwa ffirmalha għall-permess ta' residenza, minkejja li kien jaf bil-qagħda tagħha, u bil-fatt li kien ser ikollha tieqaf għal xi żmien.

8. Ix-xhud **Emelda Xuereb**, bint l-intimat, fl-*affidavit* tagħha ikkonfermat l-istess dettalji li taw missierha u ħuha. Qalet ukoll li kien hemm episodju fejn ir-rikorrenti ġġieldet ma' persuna fuq il-magna tal-kafè, u l-affari tant kibret li kellu jintervjeni ħuha biex jikkalma s-sitwazzjoni.

9. **Simone Stoppa**, fix-xhieda tiegħu qal li huwa jaħdem fl-istess ristorant fejn kienet impjegata r-rikorrenti. Qal li huwa jaf lir-rikorrenti mill-post tax-xogħol, minkejja li hija qatt ma kellmitu, u ddeskriva l-imġiba tagħha fuq il-post tax-xogħol bħala waħda "stramba", u li hija qatt m'għenitu jintegra mal-kumplament tal-ħaddiema. Qal ukoll li l-atmosfera fuq il-post tax-xogħol ma kinitx waħda pożittiva minħabba l-attitudni tar-rikorrenti.

10. Ir-rikorrenti **Manuela Mitovska**, fid-depożizzjoni tagħha qalet li hija kienet iltaqgħet ma' Jason Zammit f'April tal-2018, u dan kien taha l-opportunità li taħdem. Qalet li hija bdiet taħdem bħala prova, u kienet infurmata li f'każ li Zammit ikun kuntent bil-prestazzjoni tagħha, kien ser japplikalha għall-permess ta' xogħol u residenza. Qalet ukoll li hija kellha kuntratt ta' xogħol indefinit, u hija fetħet proċeduri kontra l-intimat għaliex ma kinitx kuntenta bil-mod kif l-impjieg tagħha ġie tterminat. Hija qalet li r-raġuni għalfejn l-impjieg tagħha ġie tterminat kienet għaliex l-intimat ma riedx iħallas il-*maternity leave* tagħha. Qalet li hija damet taħdem fil-Horizon Restaurant madwar sentejn, u r-relazzjoni mal-ħaddiema l-oħra u mal-klijenti kienet waħda tajba. Qalet ukoll li mhux minnu li hija qablet li l-impjieg tagħha għandu jiġi tterminat, u meta Jason Zammit talabha tiffirma d-dikjarazzjoni, hija għamlet dan biss għaliex riedet li titħallas is-salarju li kien dovut lilha, u riedet iġġedded il-permess tar-residenza. Qalet ukoll li ftit qabel ma l-impjieg tagħha ġie tterminat, Jason Zammit kien

staqsiha dwar il-pjanijiet li kellha għal wara li twelled it-tarbija tagħha, u hija kienet weġbitu li kellha biżżejjed ħin biex taħseb dwar dan, iżda setgħu jgħinuha xi familjari u r-raġel tagħha. Qalet li waqt l-istess konverżazzjoni, Zammit kien qalilha li kien hemm xi klijenti li ilmentaw dwarha, u li hija kellha titbissem aktar fuq ix-xogħol. Ir-rikorrenti qalet li wara li l-impjieg tagħha ġie tterminat, kien hemm dewmien biex hija ħadet l-aħħar salarju tagħha, kif ukoll biex ġew sottomessi d-dokumenti neċessarji dwar it-terminazzjoni tal-impjieg lill-JobsPlus. Qalet ukoll li kemm damet impjegata fir-ristorant tal-intimat, hija qatt ma rċeviet xi forma ta’ twissija, la verbali u lanqas bil-miktub.

11. Ix-xhud **Simona Kiraly** qalet li damet taħdem fir-ristorant tal-intimat erba’ xhur, u saret taf lir-rikorrenti fuq il-post tax-xogħol. Qalet li hija telqet mix-xogħol għaliex kien hemm ħafna pressjoni, u kienet tintalab taqdi diversi rwoli differenti fil-post tax-xogħol, għaliex kien hemm nuqqas ta’ riżorsi umani f’dan l-istabbiliment. Qalet ukoll li r-relazzjoni tagħha mar-rikorrenti kienet waħda tajba.

12. **Alexander Mitovska**, ir-raġel tar-rikorrenti, xehed li huwa mar ikellem lil Jason Zammit wara li martu marret id-dar tibki għaliex kien hemm dewmien biex jgħaddilha id-dokumentazzjoni meħtieġa biex hija tkun tista’ tapplika għal permess ta’ residenza. Qal li huwa reġa’ mar ikellem lil Zammit dakinhar li r-rikorrenti tkeċċiet mill-impjieg.

## <u>Id-Deċiżjoni Appellata</u>

13. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fit-2 ta’ Ġunju, 2022, it-Tribunal iddeċieda li t-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrenti kienet inġusta u għal

raġunijiet mhux xierqa, u għalhekk iffissa kumpens li għandu jitħallas lilha mill-intimat fl-ammont ta' erbat elef euro (€4,000), u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"**Kunsiderazzjonijiet***

*Dan it-Tribunal għandu biex jikkunsidra jekk it-terminazzjoni tar-rikorrenti kinitx waħda ġusta u għal raġunijiet tajba u biżżejjed.*

*It-Tribunal fela bir-reqqa x-xhieda kollha, id-dokumenti esebiti, id-dikjarazzjonijiet tal-każ u t-trattazzjonijiet finali.*

*Ir-rikorrenti kienet ilha sena u seba' xhur fl-impjieg. Kienet ġiet impjegata b'kuntratt tax-xogħol indefinit li kien jinkludi żmien ta' prova ta' sitt xhur. Bdiet fl-1 ta' Lulju, 2018 u ġiet itterminata fil-11 ta' Diċembru, 2019.*

*Il-*Management *tar-restaurant kien f'idejn it-tifel tas-sid is-Sur Jason Zammit li kien hu li ħa d-deċiżjoni tat-tkeċċija.*

*Ir-Rikorrenti, meta tkeċċiet, kellha tmien xhur tqala u kienet avżat lis-Sur Zammit bit-tqala f'Mejju 2019. Ir-rikorrenti welldet fit-22 ta' Jannar, 2020.*

*Ir-rikorrenti kellha r-*residence permit *imġedded u ffirmat riċevuta wara t-tkeċċija li tħallset ta' kollox u li ma kellhiex x'taqsam iktar mas-Sinjuri Zammit u l-Horizon Restaurant.*

*Ir-raġuni tat-tkeċċija kienet* disciplinary reasons *kif dikjarat fil-formula tat-terminazzjoni tal-JobsPlus datata 7 ta' Jannar, 2020.*

*Is-Sur Bernard Zammit fid-dikjarazzjoni tal-każ qal li kienet ir-rikorrenti li aċċettat li titlaq mill-impjieg bir-raġuni prinċipali tkun għax iffirmat l-irċevuta tal-aħħar pagament dovut.*

*Dawn kienu l-fatti prinċipali li t-Tribunal studja flimkien max-xhieda u xi dokumenti esebiti.*

*It-Tribunal minn dak li ħareġ fil-proċess jeskludi li r-rikorrenti aċċettat li titlaq hi mill-impjieg. Dan mhux każ ta' riżenja kif is-Sur Zammit qal fid-dikjarazzjoni tal-każ. Ir-raġuni tat-terminazzjoni hi għal raġunijiet allegati dixxiplinarji kif iddikjara u ffirma s-Sur Zammit stess fit-*termination form *tal-JobsPlus. Ir-rikorrenti qatt ma rrinunzjat li tiftaħ proċeduri dixxiplinarji u kien dritt tagħha li tagħmel dan. Dik l-irċevuta li ffirmat*

*kienet biss biex tieħu l-pagamenti dovuti u l-*payslips *fl-istat li kienet ta' tmien xhur tqala u ma tagħti l-ebda rilevanza għal riżenzja jew tali aċċettazzjoni.*

*It-Tribunal fela bir-reqqa r-raġunijiet allegati li wasslu għal tkeċċija fuq raġunijiet dixxiplinarji.*

*Ir-rikorrenti jidher li kellha bidu tajjeb fl-impjieg għax ġiet ikkonfermata fl-impjieg wara sitt xhur żmien ta' prova.*

*L-allegazzjonijiet prinċipali li s-Sur Jason Zammit għamel fuq ir-rikorrenti kienu li ma tantx kienet tmur tajjeb man-nies inkluż klijenti u kollegi. Fuq dawn kien ta' spiss ikellimha. Dan sostnieh ukoll missieru s-Sur Bernard Zammit. Qalu li kienet żorra mal-klijenti u ma titbissimx. Qalu wkoll li xi kollegi ma ridux jaħdmu magħha. Dan kollu ntqal permezz ta' affidavits. Ġie ppreżentat affidavit ieħor b'allegazzjonijiet simili mis-Sinjura Emelda Xuereb, bint is-Sur Bernard Zammit. It-tkeċċija tar-rikorrenti waslet meta ħaddiem li kien ħadem biss xi ġurnata jew tnejn bagħat messaġġ bil-*mobile *lis-Sur Jason Zammit wara li telaq fejn qallu li r-rikorrenti iddieħket bih u ta x'jifhem li kien telaq minħabba fiha. Wara dan l-episodju s-Sur Jason Zammit kien issospenda lir-rikorrenti u wara xi jiem ċemplilha li kien qed jitterminalha l-impjieg. Is-Sur Jason Zammit iddikjara li t-tkeċċija mhux relatata mat-tqala u li kien ġeddilha f'Ġunju 2019 il-permess ta' residenza u li ħallasha dak kollu dovut. Is-Sur Jason Zammit irrefera wkoll '*għal xi websites tar-reviews' *li kienu negattivi iżda li ma setax isibhom biex jippreżentahom.*

*Min-naħa tagħha r-rikorrenti xehdet li dejjem għamlet xogħolha sew u qatt ma rċeviet xi twissija verbali jew bil-miktub tul l-impjieg fuq xi ilmenti bħal ma ġie allegat. Qalet li l-uniċi complaints kienu dwar xi ikel iżda qatt ma ttieħdu passi fuq persuni li kienu jaħdmu fil-kċina. Kompliet li kienet avżat lis-Sur Jason Zammit li tqila f'Mejju 2019 u anke avżat għal meta t-twelid kien previst jiġifieri t-22 ta' Jannar, 2020. Fit-2 ta' Diċembru, 2019 marret għax-xogħol u r-restaurant kien magħluq minħabba l-maltemp. Fit-3 ta' Diċembru, 2019 reġgħet marret għax-xogħol u l-mara tas-Sur Jason Zammit qaltilha wara li ċemplet lis-Sur Jason Zammit biex ma tidħolx xogħol sakemm iċemplulha. Fil-11 ta' Diċembru, 2019 irċeviet telefonata mis-Sur Jason Zammit li qalilha li l-impjieg qed jiġi tterminat u qalilha biex l-għada tiġi għad-dokumenti. Ir-rikorrenti kompliet tixhed li temmen li r-raġuni tat-terminazzjoni kienet għax is-Sur Jason Zammit ma riedx iħallas għall-*maternity leave. *Qabel ġeddilha l-permess ta' residenza kien qallha kif ser jirnexxielha taħdem wara t-tqala u pprova jiskoraġġiha u semma li qed ikun hemm* complaints *iżda meta staqsiet fuqhom qalilha* mhux affari tiegħek. *Qalet li* waiters *kienu jagħmlu ftit ġranet u jitilqu minħabba pressjoni ta' xogħol u mhux minħabba fiha. Kompliet li ppreżentat* reviews *pożittivi waqt li kienet*

*fl-impjieg rigward servizz u oħrajn negattivi ukoll fuq servizz li daħlu wara li kienet telqet.*

*Is-Sur Simone Stroppa,* waiter *li ħadem mar-rikorrenti xehed li r-rikorrenti ma kinitx tkellmu u qal li ħadem xahrejn magħha u li ma kienet turih xejn rigward xogħol. Fil-kontro-eżami ħareġ li ħadem magħha tliet ġimgħat u li t-taħriġ kien jagħtih is-Sur Jason Zammit. Qal li ma kienx jaf li r rikorrenti kienet tqila meta kien konfermat li r-rikorrenti kienet fi stadju avvanzat ta' tqala u ġieli kellha problemi anke biex timmanuvra fir-*restaurant.

*Xehdet is-Sinjura Simona Kiraly li kienet għal xi żmien taħdem bħala* cleaner *fi żmien ir-rikorrenti. Din qalet li kien hemm ħafna* pressure *ta' xogħol u nuqqas ta' ħaddiema. Qalet li kienet tmur tajjeb mar-rikorrenti u qatt ma nnotat li kien hemm xi problemi.*

*Fit-trattazzjonijiet finali s-Sur Bernard Zammit sostna li r-rikorrenti qed toħloq storja għax kienet tqila. Illi dan mhux minnu għax il-permess ta' residenza ġie mġedded u kien hemm perijodu fejn ir-*restaurant *kien magħluq u nżammet fl-impjieg. Illi ġiet itterminata* 'meta l-ġarra ġejja u sejra nkisret u kif ngħidu bil-Malti tat-triq qabbżitielu'. *Illi kienet arroganti mal-prinċipal, kollegi u klijenti. Illi ffirmat dikjarazzjoni li m'għandha l-ebda pretensjoni oħra fuq il-prinċipal wara l-aħħar ħlasijiet u ma ġabet ebda prova aħjar minn din.*

*Min-naħa tagħha r-rikorrenti tenniet li biex titkeċċa wara sitt xhur ta' prova sodisfaċenti trid tkun raġuni serja u gravi u li dan ma jirriżultax. Illi rigward l-irċevuta li ffirmat assolutament ma kienx ifisser li rrinunzjat għal proċeduri legali fuq tkeċċija inġusta. Iffirmat għal paga u* payslips *meta kellha tmien xhur tqala għax mingħajr* payslips *ma setgħetx twelled l-isptar mingħajr ma tħallas. Illi l-ilmenti msemmija mis-Sur Jason Zammit kienu trivjali jew ivvintati u l-impjieg ġie tterminat fuq raġunijiet dixxiplinarji mingħajr raġuni eżatta u mingħajr ir-rikorrenti ngħatat l-opportunità li tiddefendi ruħha u l-pożizzjoni tagħha kif titlob il-Liġi. Illi ma kienx hemm episodju wieħed li jimmerita tkeċċija ta' persuna bi tmien xhur tqala. Illi fid-dikjarazzjoni tal-każ is-Sur Bernard Zammit ikkontradixxa li r-rikorrenti tkeċċiet għal raġunijiet dixxiplinarji u kien qal li hi aċċettat li l-impjieg tagħha jiġi tterminat. Illi jidher ċar li l-impjieg ma ġiex itterminat fuq dixxiplina iżda b'mod inġust sabiex jiġi evitat li r-rikorrenti tgawdi mill-*maternity leave *li kien bi dritt kieku l-impjieg ma ġiex itterminat ħesrem b'mod inġust.*

***Deċiżjoni***

*It-Tribunal analizza u wiżen il-fatti, il-provi, ix-xhieda, id-dokumenti esebiti, id-dikjarazzjonijiet finali u t-trattazzjonijiet finali.*

*Wara li għamel il-konsiderazzjonijiet neċessarji kif ġie spjegat it-Tribunal jagħraf nuqqasijiet serji u bażiċi kif ġiet ittrattata t-tkeċċija.*

*Tkeċċija minn impjieg trid tkun għal raġunijiet serji u gravi. Dan ma jirriżultax f'dan il-każ. Ma kien hemm l-ebda proċess dixxiplinarju. Jiġifieri l-ebda twissija bil-miktub tul l-impjieg, l-ebda* charge *għal xi każ serju li normalment iwassal għal '*disciplinary grievance procedure*' inkluż bord ta' dixxiplina u fl-ebda waqt ir-rikorrenti ma ngħatat id-dritt li tiddefendi ruħha li huwa dritt fundamentali matul kull proċess dixxiplinarju.*

*In-nuqqasijiet allegati tar-rikorrenti ma kinux gravi u serji u bla provi konkreti u li qatt ma kellhom iwasslu għal tkeċċija.*

*L-irċevuta li ffirmat ir-rikorrenti biex tieħu l-aħħar ħlasijiet dovuti ma tfissirx riżenja jew aċċettazzjoni li jiġi tterminat l-impjieg.*

*It-tkeċċija saret b'telefonata lil persuna bi tmien xhur tqala wara messaġġ ta'* waiter *lil principal li t-tali* waiter *ħadem biss ġurnata fir-*restaurant. *Dan mhux aċċettabbli u juri nuqqasijiet serji tal-prinċipal rigward it-trattament u d-drittijiet ta' ħaddiem, il-Liġi tax-xogħol, u wisq iżjed tal-persuna.*

*Dan it-Tribunal qed jiddeċiedi li ma kienx hemm raġunijiet tajba u biżżejjed biex ir-rikorrenti titkeċċa u għaldaqstant fuq tkeċċija inġusta.*

*It-Tribunal jagħraf lok ta' kumpens u dan qed jiġi stabbilit fl-ammont ta' erbat elef euro (€4,000) liema kumpens għandu jitħallas mis-Sur Bernard Zammit lir-rikorrenti fi żmien xahar mid-data ta' din id-deċiżjoni.*

## <u>L-Appell</u>

14. L-intimat ħassu aggravat bid-deċiżjoni appellata, u interpona appell minnha fl-14 ta' Ġunju, 2022, fejn talab lil din il-Qorti tħassar u tirrevoka l-istess deċiżjoni billi tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tagħha.

15. L-appellant qal li huwa ħassu aggravat għaliex l-allegazzjonijiet li għamlet ir-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u l-impjieg tagħha mhux talli ma ġiex itterminat illegalment, iżda kienet ir-rikorrenti stess li aċċettat li tittermina

l-impjieg tagħha*,* u ffirmat il-ftehim li bih aċċettat li l-impjieg tagħha jiġi tterminat f’Diċembru tal-2019. L-appellant qal li l-appellata ġabret l-aħħar paga u ħlasijiet dovuti lilha, u rrilaxxat irċevuta għal dawn il-ħlasijiet fejn speċifikat “*I as well declare that I don’t have anything to do with the same Horizon Restaurant/Bernard Zammit”.* L-appellant qal li għalhekk l-appellata kienet qegħda taċċetta li titlaq mill-impjieg. Qal ukoll li dan kollu ġie spjegat u aċċettat mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Sezzjoni Ġenerali Superjuri), fejn l-istess Qorti ċaħdet mandat ta’ inibizzjoni tal-appellata. Qal li għalhekk it-talbiet tal-appellata kellhom jiġu miċħuda.

16. L-appellant qal li madanakollu t-Tribunal laqa’ t-talbiet tal-appellata, u akkordalha kumpens għal tkeċċija inġusta fl-ammont ta’ erbat elef Euro (€4,000). Qal li l-fatti li taw lok għal din il-kwistjoni huma li l-appellata tkeċċiet mill-impjieg għal raġunijiet dixxiplinarji minħabba l-imġiba u l-attitudni negattiva tagħha, kemm fir-rigward tal-klijenti kif ukoll mal-kumplament tal-impjegati. Qal li wara li kien hemm kwistjonijiet bejn il-partijiet, l-appellata ngħatat ħlas finali, u ffirmat dokument li jgħid li l-ħlas kien għas-saldu u li hija ma kienet qegħda tippretendi xejn aktar mingħand l-appellant, u ma kellha l-ebda pretensjoni ulterjuri fil-konfront tiegħu. L-appellant qal li għalhekk l-aggravju tiegħu huwa bbażat fuq punt ta’ liġi għaliex t-Tribunal kien skorrett dwar l-implikazzjonijiet legali tad-dokument iffirmat mill-appellata. Spjega li d-dikjarazzjoni nkitbet mill-partijiet infushom, u din mhijiex dikjarazzjoni li saret f’termini legali jew bl-aħjar Ingliż, iżda b’lingwaġġ li jiftiehem u li juri x’kellhom f’moħħhom il-partijiet. L-appellant qal li t-Tribunal fil-kummenti tiegħu qal li din l-iskrittura u l-implikazzjonijiet legali tagħha kienu jirreferu unikament għall-

pagi, u ma kinitx tfisser li l-appellata rrinunzjat għall-proċedura legali għal tkeċċija inġusta. L-appellant qal li t-tieni parti tad-dikjarazzjoni tgħid b'mod ċar li l-partijiet riedu jagħlqu l-pendenzi kollha ta' bejniethom, u li ma jkun hemm ebda pendenza oħra, u l-partijiet iddikjaraw ukoll li ma fadal l-ebda pretensjoni fil-konfront ta' xulxin. Qal li termini simili ġew interpretati diversi drabi mill-Qrati tagħna, u li l-effett ta' klawsoli simili huwa li l-parti tkun irrinunzjat għad-dritt li tieħu passi ulterjuri, anki jekk ikollha bażi valida ta' pretensjonijiet ulterjuri.

17. L-appellant saħaq li l-kliem tad-dikjarazzjoni għandu jiġi interpretat bħala tranżazzjoni bejn il-partijiet dwar kwistjoni bejniethom li kienet ser timmaterjalizza f'kawża, u għalhekk l-appellata ma setgħetx minn jeddha tagħżel li tiffirma d-dikjarazzjoni li hija mhijiex ser ikollha aktar x'taqsam miegħu, iżda imbagħad tibdel fehemtha u tfittex lill-appellant għal affarijiet oħra naxxenti minn din ir-relazzjoni ġuridika, u dan in linea mal-prinċipju *pacta sunt servanda.*

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

18. L-appellata fir-risposta tagħha qalet li d-deċiżjoni appellata hija ġusta u timmerita konferma. Qalet li l-aggravju imressaq mill-appellant huwa infondat fil-fatt u fid-dritt, għaliex hija tħallset għas-saldu ta' dak li kellha tirċievi bħala paga, iżda ma jfissirx li hija rrinunzjat għad-dritt sagrosant tagħha li tfittex lill-appellant għat-tkeċċija inġusta tagħha mill-impjieg. Qalet li in linea preliminari, l-appell intavolat mill-appellant huwa inammissibbli a tenur tal-artikolu 82(3) tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta, għaliex l-appell ma sarx fuq punt ta' liġi, iżda

fuq apprezzament ta’ provi li diġà sar mit-Tribunal. Qalet li filwaqt li m’hemmx dubju li din il-Qorti, bħala qorti ta’ reviżjoni, għandha s-setgħa li f’każ li jkun hemm ‘motivi gravi’, tagħmel rieżami akkurat tal-provi miġjuba quddiem it-Tribunal, fil-każ odjern aktar ma wieħed jidħol fil-provi, aktar isib li l-appellant m’għandux raġun, u li m’hemmx raġuni valida fil-liġi għalfejn id-deċiżjoni appellata għandha tinbidel. Qalet li huwa paċifiku għall-qrati tagħna li fejn m’hemmx ‘motivi gravi’, din il-Qorti għandha tistrieħ fuq l-apprezzament tal-provi li jkun sar mill-Ewwel Qorti, f’dan il-każ it-Tribunal Industrijali.

19. L-appellata qalet li fil-mertu l-aggravju mressaq mill-appellant ma jreġix. Qalet li l-kwittanza li ngħatat minnha ma kinitx dwar il-jedd ta’ kull ħaddiem li jfittex lil min jimpjegah meta jkun hemm każ ta’ tkeċċija inġusta. Qalet li dan ġie ppruvat minnha, kemm minn ottika ta’ fatti li jwasslu għal tkeċċija inġusta, u anki minn ottika taċ-ċirkostanzi fejn hija ffirmat dokument li hija tħallset il-paga dovuta lilha skont il-ftehim tagħha mal-*employer* u skont il-liġi, u t-Tribunal emmen il-verżjoni tagħha. Qalet li l-kwittanza dejjem tingħata interpretazzjoni restrittiva u għandha tkun univoka. Żiedet tgħid li l-istess japplika fil-każ ta’ rinunzja, li għandha tkun univoka u li ma tħalli l-ebda dubju dwar l-intenzjoni tal-persuna li tkun wettqitha. Qalet li fil-każ odjern hija bl-ebda mod ma riedet tirrinunzja għal din l-azzjoni, kif anke xehdet quddiem it-Tribunal.

## <u>Konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti</u>

20. Il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkonsidra l-aggravju sollevat mill-appellant, li qiegħed jinsisti li t-Tribunal għamel interpretazzjoni skorretta tal-

implikazzjonijiet legali tad-dokument iffirmat mill-partijiet, u li testwalment jgħid:

> *"I Manuela Mitovska (190918(A), I declare that I received the full payment that is due to me for the work that I did for the Horizon Restaurant. I as well declare that I don't have anything else to do with the same Horizon Restaurant/Bernard Zammit"*.

L-appellant jinsisti li t-Tribunal kien skorrett fl-interpretazzjoni tiegħu tal-portata legali ta' dan id-dokument, u għalhekk id-deċiżjoni appellata li t-tkeċċija tal-appellata mill-impjieg tammonta għal tkeċċija inġusta, mhijiex korretta għaliex bl-iffirmar ta' dan id-dokument, l-appellata kienet qegħda taqbel li l-impjieg tagħha kellu jiġi tterminat, u li hija ma kienet ser tieħu l-ebda azzjoni legali fil-konfront tal-appellant.

21. Min-naħa tagħha l-appellata tgħid li l-appell tal-appellant mhuwiex ammissibbli, u dan minħabba f'dak li jipprovdi l-artikolu 82(3) tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta, li jgħid li fil-każi ta' tkeċċija mingħajr raġuni ġusta, id-dritt ta' appell huwa limitat għal appell fuq punt ta' liġi. Tgħid li bl-aggravju sollevat minnu, l-appellant qiegħed jistieden lil din il-Qorti ta' reviżjoni terġa' teżamina l-fatti mill-ġdid, u għalhekk għandu jirriżulta li l-appell tal-appellant sar fuq l-apprezzament tal-provi. F'dan ir-rigward, il-Qorti sejra tagħmel riferiment għal diversi sentenzi mogħtija minn din l-istess Qorti diversament preseduta dwar dan il-punt. Hekk per eżempju, fis-sentenza fl-ismijiet **Emanuel Mifsud *vs.* Kummissarju għall-Kontroll tal-Iżvilupp**[1], il-Qorti qalet illi:

> *"Din il-Qorti tista' tirrevedi biss kwistjonijiet dwar punti ta' dritt deċiżi mill-Bord. Dan ifisser li m'hemmx appelli fuq kwistjonijiet ta' fatt, fuq kwistjonijiet ta' apprezzament*

[1] 31.05.1996.

*ta' provi ... Biex appell ikun ammissibbli, il-kwistjoni trid tkun neċessarjament dwar kwistjoni ta' dritt, li tkun qamet kontroversja dwarha, li tkun ġiet diskussa u eluċidata fil-motivazzjoni u li tkun ġiet definita fid-deċiżjoni appellata."*

22. Fis-sentenza **Anthony Borg *vs.* Awtorità tal-Ippjanar**[2], il-Qorti elaborat aktar dwar dan il-punt billi qalet illi:

*"F'sistema ġudizzjarju fejn mhux permess rikors għat-tielet Qorti ta' appell, hu għalhekk li hu biss konsentit bil-liġi appell lil din il-Qorti f'każijiet fejn ikun allegat li jkun hemm applikazzjoni ħażina tal-liġi mill-Bord espressa fid-deċiżjoni minnu emessa. Dan ifisser illi aktar minn funzjoni ta' reviżjoni fuq il-fatti in kawża, din il-Qorti għandha allura, funzjoni ta' sentinella biex tassigura li jiġu osservati r-regoli tal-ġustizzja naturali u l-osservanza tad-dispożizzjonijiet tal-liġi u tal-prinċipji fiha enunċjati."*

23. F'sentenza oħra mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta f'kawża oħra li kienet tinvolvi l-Awtorità tal-Ippjanar, fl-ismijiet **Francis Mugliett *vs.* L-Awtorità tal-Ippjanar**[3], ġie spjegat illi:

*"Skont il-liġi din il-Qorti għandha ġurisdizzjoni li tissindika l-operat tal-Bord biss u unikament in kwantu jkun fiha punti ta' dritt li ġew konsidrati u deċiżi fl-istess deċiżjoni. Il-liġi ma tagħtix appell fuq kwistjonijiet ta' fatt deċiżi mill-Bord u lanqas ma hemm appell fuq punti ta' liġi sakemm il-kwistjoni ta' dritt ma tkunx ġiet dibattuta, trattata u definita fis-sentenza appellata. Fi kliem ieħor, il-kwistjoni ta' dritt li fuqha persuna aggravata tista' tappella, trid tkun qamet bħala kontroversja quddiem il-Bord u l-Bord irid ikun ikkonsidraha u ppronunzja ruħhu fuqha fis-sentenza tiegħu."*

24. Hekk ukoll, fis-sentenza fl-ismijiet **Żaren Camilleri *vs.* Awtorità tal-Ippjanar**, il-Qorti qalet illi:

*"Fi kliem ieħor biex ikun hemm lok għall-appell quddiem din il-Qorti ma jridx ikun hemm fid-deċiżjoni appellata sempliċi applikazzjoni ta' liġi għall-fatti tal-kawża jew*

[2] 24.04.1996

[3] 31.05.1996.

*sempliċi enunċjazzjoni ta' xi liġi, iżda invece jrid ikun hemm kwistjoni ta' dritt li ħolqot vertenza jew diskussjoni u li l-Bord ikun applika l-attenzjoni tiegħu fuqha billi ttrattaha debitament u ddefiniha fid-deċiżjoni li jkun ta."*

25. Fil-każ odjern il-punt in kontestazzjoni huwa dwar jekk l-imsemmija dikjarazzjoni tal-appellata, għandhiex tammonta għal rinunzja tad-dritt tagħha li tiftaħ proċeduri dwar l-allegata tkeċċija inġusta tagħha mill-impjieg. L-appellant jgħid li it-Tribunal għamel interpretazzjoni ħażina tal-liġi applikabbli, u tal-prinċipju *pacta sunt servanda,* għaliex bl-imsemmija dikjarazzjoni, l-appellata kienet qegħda taqbel li m'hija ser tieħu l-ebda passi ulterjuri fil-konfront tal-appellant, u li l-pretensjonijiet kollha tagħha ġew saldati. Huwa għalhekk li din il-Qorti tqis li l-appell huwa ammissibbli, u għalhekk sejra tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravju waħdieni sollevat mill-appellant.

26. L-appellant jgħid li kienet l-appellata li aċċettat li tittermina l-impjieg tagħha, u dan għandu jirriżulta mid-dikjarazzjoni li qablu magħha l-partijiet, fejn hija qalet li ma kien għad fadlilha l-ebda pretensjoni fil-konfront tiegħu u tar-ristorant immexxi minnu. Qal li l-appellata rċeviet ħlas għas-saldu tal-pretensjonijiet kollha tagħha, u meta l-partijiet qablu fuq l-imsemmija dikjarazzjoni, huma qablu li kienu qegħdin jagħlqu l-pendenzi kollha ta' bejniethom. Qal li għalhekk it-Tribunal kellu jasal għall-konklużjoni li l-appellata kienet qegħda tirrinunzja għat-teħid ta' proċeduri ulterjuri fil-konfront tiegħu, in omaġġ għall-prinċipju *pacta sunt servanda.*

27. L-appellata min-naħa l-oħra tgħid li hija ffirmat id-dikjarazzjoni msemmija biss għaliex riedet li tirċievi l-aħħar salarji dovuta lilha, u riedet kopja tal-aħħar

*payslips* għaliex mingħajrhom ma setgħetx twelled fl-Isptar mingħajr ma tkun obbligata tħallas. Qalet li filwaqt li hija taqbel li l-pretensjonijiet tagħha firrigward tas-salarji dovuti lilha ġew issaldati, bl-iffirmar tal-imsemmija dikjarazzjoni, hija ma kinitx qegħda taqbel li m'għandhiex jedd tfittex lill-appellant għat-tkeċċija inġusta tagħha mill-impjieg.

28. Il-Qorti tqis li mill-kliem tal-imsemmija dikjarazzjoni tal-partijiet, ma jirriżultax li l-appellata kienet qegħda tirrinunzja għal kull jedd ta' azzjoni fil-konfront tal-appellant. Fil-fatt, id-dikjarazzjoni tgħid biss li l-appellata kienet qegħda taqbel li kienet irċeviet l-aħħar ħlasijiet dovuti lilha, u li hija ma kellha x'taqsam xejn aktar mal-imsemmi ristorant u/jew mal-appellant. Dan fi żmien meta l-appellata sabet ruħha mingħajr impjieg ħabta u sabta, meta kienet qegħda tistenna li twelled lit-tarbija tagħha minn ħin għall-ieħor, u meta hija kellha bżonn mhux biss il-finanzi, li wara kollox kienu salarji li hija ħadmet għalihom, iżda kellha bżonn ukoll il-*payslips,* għaliex mingħajrhom ma setgħetx twelled fl-Isptar mingħajr ħlas. Kien f'dawn iċ-ċirkostanzi li l-appellata kienet kostretta tiffirma l-imsemmija dikjarazzjoni. Id-dikjarazzjoni imkien ma tgħid li l-appellata kienet qegħda tirrinunzja għal xi dritt tagħha fil-liġi li tfittex lil min fil-fehma tagħha keċċieha mill-impjieg mingħajr ġustifikazzjoni ta' xejn, jew li hija kienet qegħda teżimi lill-appellant mill-ħarsien tal-obbligi legali tiegħu. Il-Qorti tqis li anki fl-iffirmar tal-imsemmija dikjarazzjoni, kien hemm element ta' ġegħil jew *arm-twisting,* għaliex l-appellata ma kellha għalfejn tiffirma l-ebda dikjarazzjoni biex tkun tista' tirċievi s-salarji dovuta lilha, li wara kollox kienet hi li ħadmet għalihom, u lanqas ma kellha għalfejn tiffirma dikjarazzjoni biex tirċievi l-kopja tal-*payslips* tagħha. Bl-imsemmija dikjarazzjoni, l-appellant ried

biss jassigura li l-appellata ma tieħu l-ebda passi fil-konfront tiegħu, kif kellha dritt tagħmel, iżda d-dikjarazzjoni li ġiet iffirmata ma tgħidx dan, u lanqas ma tista' tiġi interpretata bħala xi forma ta' rinunzja da parti tal-appellata li tieħu tal-jeddijiet tagħha bħala impjegata. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tqis li l-aggravju sollevat mill-appellant mhuwiex mistħoqq, u tiċħdu, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellant billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż tal-proċeduri quddiem it-Tribunal għandhom jibqgħu kif deċiżi, filwaqt li l-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom ikunu a karigu tal-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**